MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 86/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Brian Bartolo**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, nhar il-5 ta' Novembru, 2010 u f'dawn l-ahhar 5 snin, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Marisa Tabone u/jew lil uliedu s-somma fil-gimgha ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha w/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Frar, 2011, li biha, wara

li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu xahar prigunerija.
Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-17 ta' Frar 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant mill-akkuza migjuba kontra tieghu; minghajr pregudizzju, f'kaz li din l-ewwel talba ma tintlaqghax, joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena/sanzjoni billi minflok tigi mposta piena/sanzjoni iktar idonea.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-
Illi wiehed mill-elementi tal-kontravvenzjoni (art. 338(z) Kap. 9) u ta' l-akkuza kif ifformulata a bazi ta' l-istess artikolu, huma li jkun hemm ordni ta' manteniment kontenuta f'digriet jew sentenza ta' Qorti jew inkella kuntratt, u cioe` att pubbliku, billi manteniment jista` biss jigi stipulat permezz ta' att pubbliku.

Illi l-appellant mhuwiex konsapevoli ghal liema ragunijiet saret skrittura privata u mhux kuntratt pubbliku, imma d-dokument esebit mill-parti civili huwa dikjaratament skrittura privata li giet transunata fl-istess gurnata fl-atti ta' l-istess Nutar li quddiemha giet iffurmata l-iskrittura.

Illi huwa fatt car u ovvju li zewg genituri ma jistghux jirregolaw affarijiet bhala kura u kustodja, hinijiet ta' access u rati u modalitajiet ta' manteniment, minghajr ma jersqu ghall-pubblikazzjoni ta' att pubbliku, u ma jista` jkun hemm ebda dubju li l-awtorizzazzjoni moghtija mill-Qorti kienet sabiex l-att jigi ppubblikat, mhux sabiex isir forma ta' skrittura privata.

Illi dan iwassal ghan-nullita` ta' l-obbligazzjoni u tal-kuntratt, ghan-nuqqas tal-kuntratt innifsu u kwindi ghan-

nuqqas ta’ element essenzjali tal-kontravvenzjoni in ezami.

Illi bhala fatt, il-parti civili xehdet illi hija qatt ma thallset manteniment matul dawn l-ahhar hames snin, l-appellant jichad dan kategorikament bhala fatt, imma oltre dan jirrileva li qatt ma seta` jinstab hati li ma hallasx manteniment ghall-ahhar hames snin, meta l-iskrittura in kwistjoni giet iffurmata biss erba` snin ilu.

Illi d-data migjuba fuq l-iskrittura privata esebita hija t-12 ta’ Ottubru, 2007, filwaqt illi l-akkuza tirreferi ghall-5 ta’ Novembru u “l-ahhar hames snin”.

Illi l-fatt illi fis-sena 2010 l-appellant gie akkuzat talli ma hallasx il-manteniment ghax-xhur ta’ Settembru, Ottubru u Novembru 2009 huwa indikazzjoni tal-fatt illi l-manteniment ta’ qabel kien thallas, kif sostna l-appellant u kif cahdet il-parti civili.

Illi kif jirrizulta mid-dokument esebit mill-parti civili nnifisha, l-appellant diga` tressaq, ammetta u gie kkundannat talli naqas milli jhallas manteniment dovut ghax-xhur ta’ Settembru, Ottubru u Novembru 2009, il-fatt illi rega` gie kkundannat talli ma hallas manteniment “f’dawn l-ahhar hames snin” huwa ksur tal-principju *ne bis in idem.*

Illi dan jirrizulta mis-sentenza esebita mill-parti civili stess.

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza l-appellant qed jigi addebitat illi naqas li jhallas lil Marisa Tabone ghan-nom ta’ uliedhom is-somma fil-gimgha ffissata mill-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghall-istess ulieda fi zmien hmistax –il gurnata minn dak il-jum illi skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha thallas dik is-somma.  F’dan ir-rikors l-appellant qieghed jilmenta illi ma kien hemm l-ebda kuntratt bejn il-partijiet izda biss skrittura privata illi giet tranzunta u ghalhekk l-Artiklu 338(z) tal-Kodici Kriminali ma kellux japplika.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti ma taqbel xejn ma dan l-argument. Jibda biex jinghad illi b'kuntratt in atti Nutar Dr. Silvana Borg Caruana tat-12 ta' Ottubru, 2007 il-partijiet rregolaw ir-relazzjoni bejniethom wara t-twelid ta' binthom Zaida Bartolo fis-27 ta' Settembru, 2005. Dan il-kuntratt sar wara digriet moghti mill-Qorti tal-Familja fit-12 ta' Frar, 2007. Fost il-kundizzjonijiet imsemmija f'dan il-kuntratt hemm dak fejn ir-ragel, cioe' l-appellant intrabat u obbliga ruhu li jhallas lil mara cioe' l-parti civili Marisa Tabone bhala manteniment ghal minuri Zaida s-somma ta' 20 Lira fil-gimgha pagabbli kull ahhar jum tax-xahar bil-quddiem. Barra minn hekk, gie ddikjarat ukoll li l-manteniment stabbilit f'dana l-att ikun jista jigi mibdul bi qbil bejn il-partijiet jew bl-awtorizazzjoni tal-Qorti kompetenti f'kaz li jkun hemm bdil sostanzjali fic-cirkostanzi tal-parijiet jew fil-htigijiet tal-minuri.  Ghal xi raguni, dan il-kuntratt gie minn nutar deskritt bhala skrittura u fl-istess data 12 ta' Ottubru, 2007 gie tranzunt fl-Atti ta' l-istess nutar permezz ta' kuntratt bid-data fuq imsemmija.  Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi dawn l-Atti jissodisfaw bis-shih id-dispost ta' l-Artiklu 338(z) tal-Kodici Kriminali u l-appellant m'ghandux ragun fl-argumenti  tieghu.  Fil-mori ta' dan l-appell pero' jidher illi sar fethim permezz  ta' kuntratt bejn il-partijiet li bih l-appellant rrinunzja kull dritt fuq il-minuri u l-parti civili rrinunzjat ghall-manteniment tat-tifla u b'sens ta' ezasperazzjoni quddiem din il-Qorti xehdet illi xebghet tibghat lill-appellant il-habs u ma tiehu xejn. F'dan is-sens qalet illi m'ghandiex aktar pendenzi kontra  l-appellant.

Ikkunsidrat:

Bhal ma qalet il-kawza Il-Pulizija kontra Joseph Galea deciza fit-3 ta' Novembru, 1995 "Il-pre suppost guridiku tal-kontravezjoni kontemplata fl-Ariklu 338(z) tal-Kodici Kriminali hu l-ordni ghal hlas ta' ma manteniment.  Jekk il-persuna favur min harget dik l-ordni ghandiex introjtu iehor jew tahdimx hu rrelevanti ..."

Dana qed jinghad ghaliex fir-rikors tieghu l-appellant qieghed jilmenta illi fis-sena 2009 huwa tilef l-impjieg

tieghu u beda jbati biex jibqa’ jhallas il-manteniment bl-istess rata mifthema. Kien biss wara li l-appellant kien gie kkundannat darba ohra illi beda proceduri ta’ medjazzjoni sabiex tigi stabbilita mill-gdid ir-rata ta’ manteniment illi ghandha tithallas. Ma dan kollu jidher illi xorta ma sar xejn u kien biss fil-mori ta’ dan l-appell illi sar il-kuntratt illi xehdet dwaru l-parti civili Marisa Tabone.

Il-Qorti jidrilha illi dan il-ftehim maghmul bejn l-appellant u l-parti civili m’ghandux jitqies bhala hlas fil-mori li minnu l-appellant jista jibbenefika xi temperament fl-ghoti tal-piena. Evidentement l-iskop ta’ l-appellant kien dejjem illi huwa jisfida l-ordnijiet tal-Qorti u l-istipulazzjonijiet kuntratwali illi kien ftiehem mal-parti civili. Tant hu hekk illi skont l-istess parti civili kien jippreferi jmur il-habs milli jonora l-obbligazzjonijiet tieghu. Din is-sitwazzjoni ghadha sallum u minhabba l-pressjoni maghmulha mill-istess appellant il-parti civile kienet kostretta illi tirrinunzja ghal manteniment tat-tifla minuri. Dina ma tbiddel xejn mis-sitwazzjoni wara s-Sentenza moghtiha mill-Qorti tal-Magistrati fis-7 ta’ Frar, 2011.

Bhal ma qalet il-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Publius Said, 25 ta’ Settembru, 2003, “L-iskop tal-legzlatur, meta ntroduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fin-1993 (bl-emmenda tan-1996), kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikarcitranti biex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpedixxi l-ksur ta’ ordnijiet, digrieti jew Sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta’ stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi ...”. F’dan il-kaz dan l-ghan ma ntlahaqx ‘il ghaliex xorta wahda l-appellant baqa’ ma onorax l-istipulazzjonijiet kontrattwali tieghu, izda minn fuq ghamel ftehim mal-parti civili biex propju ma jaghmilx dan u jibqa ma jonorax l-obligazzjnijiet kontrattwali tieghu.

Ghalhekk din il-Qorti ma tarax illi ghandu jkun hemm xi bdil mid-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti liema decizjoni fl-opinjoni ta’ din il-Qorti kienet wahda ragonevoli u legali mehud in konsiderazzjoni l-provi illi kellha quddiemha. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------